MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2010

Numru. 1188/2008

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH AGIUS
VS
NOEL SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Noel Spiteri ta' 42 sena, iben Paul u Giorgio nee' Muscat, imwieled Pieta', fl-24 ta' Dicembru 1965, detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 0003066(M) u residenti numru '47', 'Redentur' Triq Sir David Bruce, Mtarfa.

Illi huwa akkuzat talli fid-29 ta' Novembru 2008 ghal habta ta' 15.15hrs *ommissis*, limiti ta' *ommissis*, b'eghmil zieni kkorrompa lil *Ommissis A* ta' *ommissis*-il sena, *Ommissis B* ta' *ommissis*-il sena u *Ommissis C* ta' *ommissis*-il sena, billi neza gharwien fil-vettura tieghu *Peugeot* 306 bin-

numru tar-registrazzjoni JAL527 waqt li malizjozament waqaf ikellimhom.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, gibed ruhu b’tali mod li ta fastidju lil *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C* u jew xi persuni ohra u b’mod li tkun taf jew kien imessu jkun jaf li dan kien ta’ fastidju ghal persuni msemmija jew persuni ohra.

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, offenda l-morali b’ghemil li sar f’lok publiku jew lok espost ghal pubbliku.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 412(c) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil persuni, l-iskola fejn jattendu jew ir-residenzi taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluba wkoll biex tiprodvi ghas-sigurta’ tal-persuni nvoluti u l-familji taghhom ai termini ta’ l-Artikolu 382A et. sequitur, tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.6) u dak ta’ l-imputat (a fol.5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-imputat gie mixli b’korruzzjoni ta’ tlett (3) minorenni cioe tfajliet ta’ kwazi *ommissis* (*ommissis*)-il sena u b’oltragg

kontra d-decenza u moralita' pubblika. Dawn il-minorenni kienu *Ommissis A*, *Ommissis B* u *Ommissis C*.

*Ommissis A* (a fol.22) xehedet illi hija kellha *ommissis* (*ommissis*)-il sena neqsin *ommissis* (*ommissis*) gimghat u li, flimkien ma' shaba ta' l-iskola (*ommissis*) kienu qeghdin fl-inhawi ta' *ommissis,* ma' l-ghalliema ta' l-iskola f'*live in*.

Fost l-attivitajiet mhejjihin ghalihom, iz-zghazagh kellhom *treasure hunt*.

*Ommissis A* xehedet (fol.23) li hija kienet ma' *Ommissis B* u *Ommissis C*, meta waqfet Peugoet tal-lewn ahdar skur bin-numru tar-registrazzjoni GAL u s-sewwieq tal-karozza staqsihom ghal direzzjoni ta' *ommissis*. It-tfajliet irrisponduh li ma kienux midhla ta' l-inhawi u l-karozza baqghet sejra.

Wara ftit hin, il-karozza regghet ghaddiet u s-sewwieq qalilhom li t-triq li ha, ma kinitx tinfed.

*Ommissis A* xehedet illi *Ommissis B* kienet it-tfajla l-aktar vicina tas-sewwieq u huma kienu hdejha u hija rat illi s-sewwieq kellu kuxxtejh barra.

*"Jien hsibtu qieghed b'dawk ix-shorts il-qosra tat-training."* (fol.24)
*"U biex niccajta, mhux biex niccajta, hekk, ghaddejt kumment hi…u ghidtilha Ommissis C, dak gharwien qieghed? U ezatt dak il-hin semghatna Ommissis B sa kemm tfehmu u harset 'l isfel u ndunat li kien gharwien."* (a fol.25)

*Ommissis A* xehedet li gibdet lil *Ommissis B* lura u "***ersaqna fil-genb u ghall-ewwel bdejna nidhku, ntfajna ma' l-art nidhku***."

Illi s-sewwieq rega' dawwar il-karozza u din id-darba *Ommissis A* qabdet gebla u *Ommissis B* offenditu u cemplu lit-*teachers* taghhom. It-*teachers* gew bil-karozza taghhom f'qasir zmien, pero' qalu li ma raw ebda karozza tal-lewn ahdar.

Il-ghalliema bdew jsuqu sabiex jirrintraccaw dan is-sewwieq u fil-fatt rawh wieqaf mal-genb tat-triq aktar ‘l isfel. Illi t-*teachers* saqu warajh, qabzuh u ntercettawh (fol.26).

**Mitluba taghti deskrizzjoni tas-sewwieq, *Ommissis A* (a fol.27) tghid,*“Jiena ma kontx daqshekk vicin tieghu,”*** tghid li kien naqra maghlub u kellu flokk skur b’nofs komma, pero’ ma setghetx tiftakar il-kulur (fol.28). *Ommissis A* xehedet illi t-*teachers* kienu ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija. *Ommissis A* xehedet illi aktar tard baghatu ghalihom il-Pulizija ta’ l-Ghassa tal-Hamrun. Hemmhekk *Ommissis A* rat lil dan ir-ragel, **li kien go kamra wahdu**, fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun u dan ratu minn toqba zghira fil-hgiega. *Ommissis A* kkonfermat illi bejn l-ewwel u t-tieni darba li rat il-karozza ta’ dan ir-ragel kienu ghaddew madwar ghaxar (10) u hmistax (15)-il minuta, *Ommissis A* xehedet li ghalkemm ma rahwx idawwar, ma ghaddiex hafna zmien bejn it-tieni u t-tielet darba (a fol.31).

*Ommissis A* xehedet illi wara dan, huwa telaq u **tilfuh mill-vizjoni taghhom sakemm gew it-*teachers* u marru maghhom ifittxuh** (a fol.33). Il-minuri *Ommissis A* xehedet illi huma sabuh xi sebgha (7) distanzi ta’ awla mit-tumbata li kien hemm fit-triq. *Ommissis A* kkonfermat li Ms. *Ommissis T1,* kienet nizzlet in-numru tar-registrazzjoni qabel ma giet intercettata l-karozza tal-lewn ahdar mill-ghalliema. (a fol.35)

Il-minuri *Ommissis A* xehedet illi r-raba’ (4) darba li ratu lil dan ir-ragel kien qieghed bil-qiegheda fil-karozza tieghu, li kienet giet intercettata mill-ghalliema taghha. L-istess minuri gharfet lill-imputat fl-awla(a fol.40).

*Ommissis B* (a fol.42 et. seq.) ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena, xehedet illi hija, flimkien ma’ *Ommissis A* u *Ommissis C*, kienu qed jippartecipaw fi *treasure hunt*, wahda mill-attivitajiet imhejjiha f’*live in*, organizzata mid-dirigenti ta’ l-iskola taghha, *ommissis* l- *ommissis*. *Ommissis B* kkonfermat li karozza tal-lewn ahdar waqfet

hdejhom u s-sewwieq talab ghad-direzzjoni ta’ *ommissis* lil *Ommissis A* (fol.43). *Ommissis A* rrispondiet li ma kinitx mill-inhawi u telaq. Dan ir-ragel rega’ gie lura f’temp ta’ hames (5) minuti. Qalilhom il-kliem,*“Hemmhekk ma jinfidx”* u *Ommissis B* qaltlu biex jibqa’ sejjer dritt. Hija xehedet li huwa kellu l-*mobile* f’idu u kien f’dan il-hin li *Ommissis A* qaltilha, *“Dak gharwien qieghed? Ghax rawlu saqajh barra hawn hekk”* (fol.44) *Ommissis B* harset ‘l isfel u *“kien gharwien hawn hekk, isfel”* (fol.44) *“kull ma kellu flokk.”*

*Ommissis B* **xehedet li f’dan il-mument huma kollha nfaqaw jidhku ma’ l-art**, hu saq ‘il quddiem, izda meta rawh jirriversja bezghu. *Ommissis A* qabdet gebla u hija (*Ommissis B*) offenditu mbaghad cemplet lit-*teachers* fuq il-*mobile* taghha.

*Ommissis B* xehedet illi l-karozza kellha n-numru tar-registrazzjoni GAL 527 tal-lewn ahdar. *Ommissis B* xehedet (a fol.46) illi **dan in-numru hija haditu t-tielet (3) darba li rat il-karozza u cioe meta l-ghalliema kienu qeghdin isegwuha.** A fol.47, *Ommissis B* tghid certa li kienet l-istess karozza *“anke lilu mill-ewwel gharafnieh.”* ***Ommissis B*** **kkonfermat illi meta l-ghalliema ntraccaw il-karozza tal-lewn ahdar, huma t-tlieta baqaw fil-karozza u hadd minnhom ma hareg mill-karozza**. Harsu lejh, *“kont certa li hu ghax bdejt narah.”*

*Ommissis B* kkonfermat li hija hadet in-numru tar-registrazzjoni tal-karozza meta kienet qieghedha fil-karozza mat-*teachers* li kienu qed isegwu l-karozza tal-lewn ahdar. *Ommissis B* (a fol.53) ikkonfermat li meta ddentifikat lil dan ir-ragel fl-Ghassa tal-Pulizija, **dan kien wahdu**.

*Ommissis B* (a fol.54) xehedet illi f’telefonata huma qalu lit-*teachers* biex jigu mmedjatament izda kien biss fil-karozza meta qalulhom b’kollox. A fol.55, *Ommissis B* xehedet li ghaddew xi hames (5) minuti mit-telefonata sakemm gew it-*teachers*. **A fol.56, *Ommissis B* xehedet li dan ir-ragel kellu *mobile* f’id wahda u idu l-ohra kienet mal-parti tieghu … *“ma kienx qed icaqlaqha***

***imma jew hekk."*** Xehedet illi meta ratu, kellu *t-shirt blue* izda ma setghetx tghid x'kien liebes meta gie ntercettat mit-*teachers* jew meta ratu fl-Ghassa tal-Pulizija (ara fol.56 u fol.57).

A fol.58, *Ommissis B* xehedet illi fit-tieni okkazzjoni kienet hi li avvicinat il-karozza biex taghtu d-direzzjoni. Hija gharfet lill-imputat fl-awla.

*Ommissis C*, ta' *ommissis* (*ommissis*)-il sena, kkonfermat parti mix-xhieda taz-zewg zghazagh l-ohra, cioe kif dan ir-ragel waqaf u staqsa ghad-direzzjonijiet, kif dawwar u rega' staqsihom, *"li zgur kellu idejh wahda fuq il-mobile u l-ohra ma nafx fejn kienet idejh"* (ara fol.61). *Ommissis C* xehedet li *Ommissis A* ma kinitx certa u qalet il-kliem *"dak gharwien?"* u *Ommissis B* ccekjat, ***"li ahna, bla ma ridna, nfqajna nidhku"*** (fol.61). Li pero', meta rega' dar, it-tfajliet bezghu, *Ommissis A* qabdet gebla u *Ommissis B* offenditu u s-sewwieq baqa' sejjer. Minhemm cemplu lill-ghalliema taghhom bl-ahbar li kien hemm ragel qed jigri warajhom bil-karozza. Xehedet li ma ghaddiex hafna hin sa kemm gew it-*teachers* u saqu fid-direzzjoni li tawhom l-istudenti. Rawh u bdew jsuqu ghal warajh, *teacher* oltrepassatu, s-sewwieq waqaf u t-*teacher* insulentatu. Il-karozza kienet Peugoet tal-lewn ahdar bin-numru tar-registrazzjoni GAL 527. **Mitluba taghti deskrizzjoni tieghu, tghid li kien ragel twil u naqra samrani u ma tantx kellu xaghar**. *Ommissis C* xehedet li ratu darbtejn meta kellem lil *Ommissis A* u *Ommissis B*, izda meta waqfuh t-*teachers*, *"ma tantx tat kas"* (fol.64) u ratu wkoll fl-Ghassa. ***Ommissis C* xehedet li minn meta cemplu lit-*teachers* sakemm gie ntercettat, ghaddew xi erba' (4), hames (5) minuti.**

*Ommissis C* kkonfermat li l-imputat **qatt ma ratu barra mill-karozza**, u li qatt ma kellimhom hazin jew bi kliem mhux xieraq. Hija xehedet li minn fejn kienet hija, rat il-flokk (*t-shirt)* biss u ma setghetx tara mill-qadt 'l isfel (a fol.68). Xehedet ukoll illi wara li gie segwit mit-*teachers*, is-sewwieq waqaf minn rajh u t-*teachers* pparkjaw hdejh b'mod li seta jirriversja.

*Ommissis T1* (a fol.71), ghalliema *ommissis* School, *ommissis*, ikkonfermat illi waqt l-*orientation walk* ta' l-istudenti, hija u ghalliema ohra, *Ommissis T2*, waqfu il-karozza li biha kienu jsegwu l-istudenti biex jieklu panina. Ikkonfermat it-telefonata ta' *Ommissis A* li qaltilha li ragel gharwien kien waqaf ikellimhom. *Ommissis T1* tghid li f'zewg (2) minuti huma lahqu lit-tfajliet. Illi ghalhekk tellghu lit-tfal, dawru l-karozza u saqu sakemm it-tfal gharfu l-karozza rilevanti. Din kienet ipparkjata – wieqfa – mal genb, izda bdiet issuq ftit wara u l-ghalliema saqu ghal warajha u hadu n-numru tar-registrazzjoni.

*Xhud: "Inzilna minn gol-karozza u kellimnih u staqsejna ghalfejn waqaf ikellem lit-tfal."*
*Qorti: "X'irrispondiekhom?"*
*Xhud: Irrisponda li just waqaf jistaqsihom ghal directions."* (ara xhieda a fol.73).

*Ommissis T1* xehedet li l-imputat kien liebes *t-shirt* u *jeans* li kellu z-*zip* u l-buttuni miftuhin (a fol.74). *Ommissis T1* xehedet illi meta lahqu lill-imputat, ipparkjaw il-karozza taghhom **bejn tlett (3) u hames (5) metri 'il boghod mill-karozza tieghu**. Hija qalet li t-tfal baqghu fil-karozza.

Ray Vella, kap ta' *ommissis* xehed ai fini ta' *bail*.

A fol.90, Stefania *Ommissis B* xehedet ai fini ta' *bail*.

*Ommissis T2* (a fol.93) xehedet li kienet ma' *Ommissis T1* fil-karozza, jakkompanjaw l-istudenti, meta cemplet *Ommissis A* lil *Ommissis T1* ghall-ghajjut ghaliex kien hemm ragel gharwien. L-ghalliema *Ommissis T1* xehedet illi t-tfal staqsewhom jekk kienux rawx karozza tal-lewn ahdar. L-ghalliema *Ommissis T2* wiegbet fin-negattiv u ghalhekk dawru l-karozza u saqu u ftit aktar 'l isfel raw il-karozza tal-lewn ahdar ipparkjata, li wara ftit, saqet 'il quddiem. *Ommissis T2* xehedet li marru ghal warajha. *Ommissis T2* kkonfermat illi l-karozza tal-lewn ahdar waqfet u *Ommissis T2* waqfet hdejh u harget rrabjata u li s-sewwieq qalilhom li ma kien ghamel xejn, semplicement staqsa ghal direzzjoni ghal *ommissis*. *Ommissis T2* xehedet li hadu n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-

karozza u nformaw b'dana kollu lil Pulizija. Hija gharfet lill-imputat li dakinhar kien liebes *jeans.*

PS 1195 Conrad Debattista (a fol.97 et. seq.) ikkonferma r-rapport li ghamlu t-*teachers* ta' l-iskola ta' *ommissis*, *ommissis*, fid-data ndikata fl-akkuza. **Hu qal li zewg mit-tfajliet ma raw xejn waqt li wahda, l-ewwel qaltlu li ma kellux qalziet ta' taht u meta qalilha kinitx certa minn dak li kienet qed tghid qaltlu, "Le,"** (a fol.98). Ftit wara qaltlu li kienet certa.

Illi t-tfajliet identifikaw lill-imputat fl-Ghassa tal-Pulizija bla diffikulta' waqt li l-imputat baqa jishaq li kien fl-inhawi izda ma kienx waqqaf u kellem ebda tfajla.

PS Conrad Debattista' kellem lit-*teachers* li segwu lis-sewwieq tal-karozza, li qalulu li kien liebes il-*jeans* izda kellu z-*zip* imnizzel (ara xhieda a fol.100).

Fl-okkorrenza ezebita (a fol. 106) it-tfajliet taw deskrizzjoni ta' dan il-bniedem u cioe li kien liebes: ***"Blue long sleeve shirt, short hair and tall nose."***

Spettur Joseph Agius (a fol. 107) ezebixxa c-certifikat tat-twelid tat-tfajliet u l-istqarrija ta' l-imputat li fiha nnega kull allegazzjoni maghmula fil-konfront tieghu. Innega wkoll li t-*teachers* sabuh biz-*zip* imnizzel u jghid li meta sabuh kien qieghed bil-*mobile* f'idejh.

***Ommissis T2*** **(riprodotta a fol.114), mistoqsija fuq l-ilbies ta' l-imputat, b'mod specjali ghal *jeans* ta' l-imputat, xehedet li ma rat xejn in partikolari.**

Charmaine Galea Triganza xehedet (a fol.124) fir-rigward tat-telefonati li saru fit-8 ta' Dicembru 2008.

Jean Pierre Micallef ammetta li kien huwa li ghamel it-telefonata u dana minhabba li kien jaf lill-imputat mill-qrib, jaf x'tip ta' persuna kien u kien qabad minn rajh u cempel lil kap ta' l-iskola ta' *ommissis* u dan ad insaputa ta' l-imputat.

L-imputat (a fol.134 et. seq.) xehed rigward it-telefonata ta' Jean Pierre Micallef.

Charmaine Galea Triganza (a fol.138) tat informazzjoni ulterjuri fuq it-telefonati.

Spettur Joseph Agius ezebixxa Dok.JAX1 u Dok.JAX2.

Noel Spiteri (a fol.160) xehed illi dakinhar kien ghadu kemm nizzel lil ommu mill-isptar u hadha d-dar taghha *ommissis*. Xehed li huwa ghandu d-delizju ta' giri ta' distanzi u jigri l-maratoni. Xehed li dakinhar kien iltaqa' ma' siehbu Attard ghal habta tat-3:00 u ghamlu zewg (2) minuti jitkellmu u baqa' sejjer. L-imputat xehed li ghalkemm gera f'dawk l-inhawi, kien hemm parti li qatt ma kien ghadda minnha u ried jkejjilha bl-*ispeedometer* tal-karozza tieghu u hekk ghamel. Nizzel il-kejl u mar biex jirrispondi l-*mobile* ghax ircieva messagg u ghalhekk waqqaf il-karozza. Xi ftit sekondi wara waqfet karozza, hargu zewg (2) nisa li bdew jghajjtu *"x'qed taghmel!".* L-imputat, li kellu l-*mobile* f'idejh irrisponda, *"Mhux qed tara xi qed naghmel?"* u hemmhekk akkuzawh li kien ittanta xi tfajliet. L-imputat xehed li lanqas kien ghadu intebah li kien hemm it-tfajliet fil-karozza.

L-imputat xehed li hu baqa fil-karozza tieghu il-hin kollu. L-imputat jinnega li hu kellu z-*zip* tal-*jeans* imnizzel. Jghid illi wahda mit-*teachers* marret fuq quddiem tal-karozza tieghu biex tiehu n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza tieghu.

Mitlub jghid jekk it-*teachers* staqsewh fuq direzzjonijiet, l-imputat xehed li wahda minnhom qaltlu kif, la kien sejjer lejn *ommissis*, kellu l-karozza ppuntata lejn *ommissis*? Huwa rrisponda li kien sejjer lejn *ommissis*. **A fol.166 jinnega li mat-*teachers* ammetta li <u>kien staqsa lit-tfajliet</u> ghad-direzzjoni**. A fol.167, l-imputat spjega illi s-Surgent kien hadu fl-Ghassa tar-Rabat fejn gie rinfaccat bil-verzjoni tat-*teachers* u kien hemm li sar jaf illi z-zewg nisa li kellmuh kienu fil-fatt *teachers*.

L-imputat nnega li b'xi mod ittanta jew kellem lil dawn it-tfajliet izda afferma illi kien hu li kien isuq il-karozza bin-numru tar-registrazzjoni GAL 527, pero' ma setghax jghid jekk it-tfajliet kienux qeghdin jigdbu addirittura jew kienx hemm xi hadd li vera ghamel dak li qalu fix-xhieda taghhom. Wara l-Ghassa tar-Rabat, l-imputat gie mehud lejn l-Ghassa tal-Hamrun.

In kontro ezami, l-imputat baqa jichad l-allegazzjonijiet kollha. Jinnega li kien hemm *car chase,* jafferma li kien hu li waqqaf il-karozza minn rajh u li ma semmiex aktar dettalji lill-Pulizija, fl-istqarrija tieghu, ghax hadd ma kien staqsih aktar domandi.

Joseph Attard xehed li hu kien ilu jaf lill-imputat ghal ghoxrin (20) sena u li t-tnejn kellhom l-istess delizju u cioe il-giri. Illi dakinhar huwa kien qieghed jigri *ommissis* qabel it-tigrija maghrufa bhala '*ommissis*'. Illi fid-29 ta' Novembru 2008, ghal habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (3:00p.m.) huwa kien qed jigri fl-inhawi ta' *ommissis*, wara li telaq mid-dar tieghu mill-Imtarfa. Attard ftakar illi huwa ltaqa ma' l-imputat Noel Spiteri li kien fil-karozza tieghu, *ommissis* u ghamlu xi ftit minuti jiktellmu. Attard xehed illi huwa kien xi ftit *dehydrated* u talbu ghal ftit ilma. Mill-posizzjoni fejn kien qed jitkellem ma' l-imputat, **li baqa fil-karozza**, huwa setgha jara l-ilbies ta' l-imputat u xehed li ftakar li kellu lbies normali. Attard xehed illi hu u l-imputat kienu qed jikkalkulaw il-mili illi Attard kien diga' lahaq gera u kkonferma illi l-imputat ma kienx qatalu kliemu fil-qasir u li huma kienu tkellmu b'mod normali. Il- post ezatt fejn iltaqa' ma' l-imputat kien fejn *ommissis*, fejn hemm it-turretta. Ghalkemm ma setghax jiftakar b'mod ezatt, Attard deherlu illi l-imputat kien liebes qalziet twil u mhux *shorts* (ara xhieda a fol.180). ikkonferma illi dakinhar kien hemm hafna nies jimxu *ommissis*, pero' ma setghax jghid min kienu.

Victor Cuschieri (a fol.182), Nursing Officer, Mater Dei Hospital, ikkonferma x-xoghol ta’ l-imputat illi kien ilu jafu hamsa u ghoxrin (25) sena ghax minn *ommissis* u kien ilu jafu ghaxar (10) snin fuq ix-xoghol u li qatt ma kellu problemi ma’ l-imputat. Huwa ezebixxa Dok.XX li jispjega illi qatt ma ttiehdu passi dixxiplinari kontra l-imputat hlief ghal dawn il-proceduri.

Ikkonsidrat:

Din il-Qorti ghandha quddiema xhieda ta’ tlett tfajliet ta’ ftit anqas minn *ommissis* (*ommissis*)-il sena, zewg ghalliema taghhom u membru tal-Korp tal-Pulizija li jixhdu b’mod kontrastanti ghall-ahhar ghax xhieda ta’ l-imputat, kemm a tempo vergine, kif ukoll meta ghazel illi jaghti t-testimonjanza tieghu fil-pedana tax-xhieda u dik ta’ Joseph Attard. Dan il-kaz jippernja fuq il-kredibilita’ tax-xhieda principali.

Artikolu 637 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta jigwida l-gudikant f’din il-materja:

***“637. Any objection from any of the causes referred to in articles 630, 633 and 636, shall affect only the credibility of the witness, as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge of the facts, regard being had to the demeanour, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case.”***

Illi f’dan l-istadju, l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghall-akkuza principali illi biha jinstab mixli l-imputat, cioe korruzzjoni ta’ tlett (3) minorenni, cioe tlett tfajliet, tnejn minnhom kwazi ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena u wahda ta’ *ommissis* (*ommissis*)-il sena. Il-Qorti tixtieq tissottolinja l-fatt li, minkejja illi l-imputat gie mixli b’korruzzjoni ta’ tlett minorenni, **mill-istadju inizjali ta’ l-investigazzjoni**

**rrizulta** li fl-ghar ipotezi kien hemm **biss tfajla wahda** illi setghet, b'xi mod, giet effetwata u dana mhux b'korruzzjoni ta' minorenni, izda b'oltragg tal-morali u decenza pubblika. Dan qed jinghad il-ghaliex, skond ix-xhieda, kif jirrizulta aktar 'il fuq, *Ommissis A* u *Ommissis C* ma raw xejn, *Ommissis A*, bhala cajta, staqsiet lil *Ommissis B* jekk is-sewwieq tal-karozza kienx gharwien u *Ommissis B* taghmel il-konkluzjoni taghha, illi dwarha din il-Qorti ser titkellem aktar tard. L-effett tal-cosi det korruzzjoni, jew oltragg ta' morali fuq it-tfajliet, kienet **<u>illi dawn it-tlieta jispiccaw mixhutin ma' l-art mghoxxijin bid-dahk</u>** u kien biss meta s-sewwieq ghamel manuvra ta' *reverse* illi t-tfajliet bdew jibzghu.

Il-Qorti taghmilha cara illi dan il-kaz jippernja b'mod serju fuq dak li *Ommissis B* rat jew hasbet li rat. Ix-xhieda taghha turi illi waqt illi *Ommissis B* avvicinat lis-sewwieq **minn rajha**, meta gie **t-tieni darba, hija assolutament ma nnotat b'xejn fl-ilbies ta' l-imputat.** Illi kien meta *Ommissis A*, **bhala cajta**, qaltilha jekk kienx gharwien is-sewwieq, illi *Ommissis B* harset 'l isfel. Il-Qorti, il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza, ghamlu sensiela ta' domandi lil *Ommissis B* u dak illi hareg car kien illi s-sewwieq tal-karozza kellu *mobile* f'idejh u kellu idejh fuq il-parti genitali tieghu b'mod li ma kienx qed jilghab bil-parti tieghu. Il-Qorti tistaqsi, jekk kemm-il darba s-sewwieq tal-karozza kellu *mobile* f'idejh u kellu idejh fuq il-parti genitali tieghu u kien liebes *t-shirt* bi kmiem twal, kif kien possibli ghal *Ommissis B* li taghraf, jekk kemm-il darba, il-parti genitali tas-sewwieq kinitx nuda? Tistaqsi wkoll, jekk kemm-il darba, idejn dan is-sewwieq kienet fuq il-parti genitali tieghu u f'idejh l-ohra kellu l-*mobile*, kif kien qed isuq? Din il-Qorti temmen illi dak illi rat *Ommissis B* kien *auto suggested*.

Wahda mill-iktar parti illi l-Qorti ssib inkwetanti f'din il-kawza kienet ix-xhieda preciza ta' PS 1195 Conrad Debattista li kkonferma, a tempo vergine, **illi *Ommissis B* ma kienet certa xejn dwar jekk fil-fatt dan is-sewwieq kellux il-parti genitali tieghu nuda** (ara xhieda tieghu u b'mod specjali l-okkorrenza tieghu). Illi fil-fatt, meta talabha tghid kinitx certa li kien gharwien, *Ommissis B*

rrispondiet fin-negattiv u kien biss wara xi trapazz ta’ hin illi qaltlu li kienet certa (fol.106).

Inkwetanti wkoll hija l-materja ta’ diskrepanzi serji fid-deskrizzjoni illi taw il-minuri fuq is-sewwieq tal-karozza quddiem din il-Qorti u dik illi giet irraportata, ben fidila, fl-okkorronza. Illi, con tutto il rispetto, dawn id-deskrizzjonijiet ma jaqblu xejn ma’ xulxin, wisq inqas jikkombacu mad-deskrizzjoni attwali ta’ l-imputat. Il-minuri xehedu fil-Qorti illi dan ir-ragel kien maghlub, samrani, bi ftit xaghar, twil u li kien liebes *t-shirt* skura (zewg minuri jghidu *blue*) bil-komma qasira. Fl-okkorrenza, d-deskrizzjoni tghid:

“*The girls gave a description of this male, that he was wearing a blue long-sleeve shirt. He had short hair and a long nose.”* (ara fol.106)

Bir-rispett kollu lejn l-imputat, din il-Qorti tista’ afferma illi l-istatura ta’ l-imputat hija wahda zghira, huwa ragel qasir, irqiq, kemm xejn fartaz u b’ghajnejh cari u pallidu.

Materja ohra nkwetanti hija, kif gia’ ntqal, il-fatt li mill-mument ta’ hin illi s-sewwieq tal-karozza tal-lewn ahdar, halla l-istudenti u beda jsuq sakemm waslu t-*teachers* bil-karozza taghhom, dawru l-karozza u marru jfittxuh u sakemm sabuh f’distanza ferm aktar l’ isfel minn fejn kienu, **l-istudenti tilfu addirittura lis-sewwieq tal-karozza mill-vizjoni taghhom.** Sa dan il-hin, **ebda wahda mit-tfajliet ma kienet hadet in-numru tar-registrazzjoni ta’ din il-karozza** il-ghaliex dan in-numru tar-registrazzjoni nkiseb biss wara illi ntebhu bil-karozza pparkjata.

In vista ta’ din id-diskrepanza fid-deskrizzjoni u in vista tal-fatt ewlieni illi t-tlett minuri tilfu l-vista tas-sewwieq tal-karozza tal-lewn ahdar ghal xi zmien, il-Qorti kienet tipretendi li l-Prosekuzzjoni taghmel xogholha kif suppost, tezegwixxi bl-aktar mod serju u preciz *Identification Parade*. Dan ma sarx u mhux hekk biss, talli kull wahda mill-minuri raw lill-imputat li gie izolat f’kamra wahdu, fl-

Ghassa tal-Pulizija, u rawh minn go apertura ckejkna ta’ hgieg ta’ tieqa.

Il-Qorti ma tistghax ma taffermax illi dan m’huwiex mod kif tfajliet ta’ approssimament *ommissis* (*ommissis*)-il sena jidentifikaw l-allegat aggressur.

Din il-Qorti ssib ukoll certu diffikulta u certu inkonsistenzi gravi fix-xhieda taz-zewg ghalliema *Ommissis T1* u *Ommissis T2*. *Ommissis T1* ikkonfermat illi segwu l-karozza, illi kien hemm *car chase*, illi oltrepassaw din il-karozza u permezz ta’ manuvra kwazi ta’ ‘Starsky and Hutch’, intercettaw lil karozza ta’ l-imputat. Illi, di piu’ li s-sewwieq tal-karozza ammetta maghhom illi hu kemm talab lill-istudenti ghad-direzzjoni u li kellu l-buttuna u z-*zip* tal-*jeans* miftuha. *Ommissis T2*, pero’, ghalkemm tghid illi segwu l-karozza u ntercettawh, tikkonferma illi l-imputat waqaf minn rajh u li meta staqsewh il-ghaliex talab ghad-direzzjonijiet lejn *ommissis* meta l-karozza kienet ippuntata lejn *ommissis*, is-sewwieq tal-karozza, semplicement qalilhom, illi hu kien sejjer lejn *ommissis*. *Ommissis T2*, mistoqsiha, specifikament dwar il-*jeans*, ma osservatx iz-*zip* imnizzel u l-buttuna mahlula.

Apparti dawn l-inkonsistenzi serji, l-Qorti hija koncernata mill-fatt li, skond l-istess xhieda tat-*teachers*, l-imputat, rinfaccat bit-*teachers*, baqa l-hin kollu fil-karozza tieghu u din il-Qorti tistaqsi allura, kif l-ghalliema setghet tinnota l-buttuna u z-*zip* tal-*jeans* mahlula?

Illi, di piu’, *Ommissis C*, kienet l-unika tfajla li kkonfermat illi fl-inkontru mat-*teachers*, is-sewwieq baqa’ jishaq illi kien qed ifittex *ommissis*.

Illi kontra din ix-xhieda hemm l-istqarrija ta’ l-imputat a tempo vergine, illi jichad kull allegazzjoni li saritlu u x-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fejn l-imputat spjega b’mod trankwill u bla ebda biza’ dak kollu illi ghadda minnu.

Illi, apparti minn hekk, hemm ix-xhieda ta’ Joseph Attard, li kien qieghed jigri f’dawk l-inhawi, ftit qabel it-tigrija

maghurfa bhala '*ommissis*,' li ra lill-imputat, waqaf jitkellem mieghu, tallbu x'jixrob u li rah b'ilbies normali.

Illi, in vista ta' dana kollu, l-Qorti ssib illi bl-ebda mod ma tista' sserrah fuq ix-xhieda ta' *Ommissis B* u li gudizzju bazat fuq ix-xhieda taghha jkun wiehed *unsafe and unsound*.

Ghaldaqstant issib lill-imputat, **Noel Spiteri, mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------